31996D0587

10.10.1996 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 257/43

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' Settembru 1996

## dwar il-pubblikazzjoni tal-lista ta' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti li ġew innotifikati minn l-Istati Membri skond id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE

**(Test b'referenza għaż-ŻEE)**

(96/587/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE tat-22 ta' Novembru 1994 fuq ir-regoli u n-normi komuni għall-organizzazzjonijiet ta' l-ispezzjonijiet u l-perizji ta' bastimenti u għall-attivitajiet rilevanti ta' l-amministrazzjonijiet marittimi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) tagħha,

Billi l-Istati Membri nnotifikaw lill-organizzazzjonijiet rikonoxxuti minnhom skond l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 94/57/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*L-Artikolu 1*

L-organizzazzjonijiet rikonoxxuti mill-Istati Membri skond l-artikolu 4(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE huma dawk elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*L-Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-30 ta' Settembru 1996.

*Għall-Kummissjoni*

Neil KINNOCK

*Membru tal-Kummissjoni*

*L-ANNESS*

L-Uffiċċju Amerikan għat-Tbaħħir (ABS)

L-Uffiċċju Veritas (BV)

Is-Soċjeta ta' Klassifika taċ-Ċina (CCS)

Det Norske Veritas (DNV)

Germanischer Lloyd (GL)

Ir-Reġistru Elleniku tat-Tbaħħir (HR)

Ir-Reġistru Korean tat-Tbaħħir (KR)

Ir-Reġistru tat-Tbaħħir ta' Lloyd (LR)

In-Nippon Kaiji Kyokai (NK)

Ir-Reġistru Navali Taljan (RINA)

([1]) ĠU L 319, tat-12.12.1994, p. 20.